MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 379/2005

**Avukat Dottor David Tonna bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *Imperial Tobacco Limited***

***Versus***

**Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer b'dikriet ta' l-4 ta' Mejju 2005 maħtura kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà *The Falcon Company Ltd***

Din il-kawża hija dwar proprjetà industrijali.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi hija proprjetarja tal-markji tas-sigaretti *L&B* u *SUPERKINGS* u hija wkoll proprjetarja tas-sinjali distintivi li jitqiegħdu fuq il-pakketti tas-sigaretti.

Is-soċjetà attriċi għandha wkoll dritt ta' proprjetà industrijali ta' l-istess markji *L&B* u *SUPERKINGS* u tas-sinjali distintivi fil-komplessità tagħhom irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark Nº* 22359 u

*Trademark Nº* 28246 taħt l-art. 2 ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414].
Fis-26 ta' Marzu 2005 iddaħħlet ġewwa Malta b'*container* numru CCLU 6518792 fuq il-vapur *MV CSCL Europe*, u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' (i) tmienja u għoxrin (28) kaxxa magħrufa bħala *master cases* ta' sigaretti li jġibu l-markju *L&B* u s-sinjali distintivi fuq imsemmija u (ii) sbatax-il kaxxa jew *master cases* ta' sigaretti li jġibu l-markju SUPERKINGS u s-sinjali distintivi fuq imsemmija. Din il-konsenja tikser il-projibizzjoni ta' l-art. 4 tal-Kap. 414 għax is-sigaretti ma humiex ġenwini.
Il-manifest jew polza ta' karigu numru 8PKGMLA421245 juri li l-konsenjatarji huma s-soċjetà konvenuta u juri wkoll illi *shipper* hija *Medialink SDN BHD 64,* Jalqan Melati, Ampang Selangor, Malaysia.
Id-dħul ġewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li bihom jinkiser dritt ta' proprjeta intellettwali huwa projibit taħt l-art. 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dawn is-sigaretti jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi skond l-art. 2(l)(*a*)(i), u (iii) tal-Kap. 414.
Din il-konsenja ta' sigaretti bħalissa hija miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara li s-soċjetà attriċi għamlitlu talba bil-miktub u tatu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ.
Għal dawn ir-raġunijiet is-soċjetà attriċi talbet illi l-qorti:
1. tgħid illi s-sigaretti *de quibus* li nqabdu mill-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falzifikati;
2. tgħid illi s-sigaretti falzifikati jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi skond l-art. 2(l)(*a*)(i) u (iii) tal-Kap. 414 u għaldaqstant jiksru l-art. 4 ta' l-istess liġi dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 22539 u 28246, dwar il-markji *L&B* u SUPERKINGS u/jew dwar is-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess *trademarks*;
3. tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen hieles ta' din il-konsenja ta' sigaretti falzifikati tikser id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 414;

4. għalhekk tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà attriċi sabiex jeqirdu s-sigaretti fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lis-soċjetà konvenuta u minn flusha, skond l-art. 8 tal-Kap. 414;
5. tagħti lis-soċjetà attriċi kull rimedju iehor li jista' jingħata taħt il-Kap. 414;
6. tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taż-żraben sportivi fuq imsemmija, l-ispejjeż ta' l-uffiċjali tad-dwana skond il-Kap. 414, u l-ispejjeż tal-kawża.

Il-kuraturi maħturi biex jidhru għas-soċjetà konvenuta stqarrew illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi jidher illi din tassew għandha d-drittijiet ta' proprjetà industrijali msemmija fiċ-ċitazzjoni.

Ġara illi fis-26 ta' Marzu 2005 daħlet f'Malta mill-Malasja fuq il-vapur *MV CSCL Europe* konsenja ta' sigaretti li kellhom markju maħsub biex juri li kienu magħmula mis-soċjetà attriċi jew għas-soċjetà attriċi. Billi kien hemm suspett illi s-sigaretti ma kinux ġenwini, għax ma kinux tassew magħmula mis-soċjetà attriċi jew għaliha, il-konsenja nżammet mid-dwana sakemm issir analiżi fuqha. Din l-analiżi saret minn David Blunt u dan sab illi, għalkemm il-markji fuq il-pakketti jixbhu ħafna lil dawk tas-soċjetà attriċi, fil-pakketti u s-sigaretti nfushom hemm differenzi biżżejjed illi juru bi żgur illi s-sigaretti ma nħadmux mis-soċjetà attriċi jew għaliha.

Fil-fehma tal-qorti għalhekk is-sigaretti fil-konsenja fuq imsemmija ma humiex ġenwini u l-markji ta-soċjetà attriċi tqiegħdu fuqhom bi ksur tal-liġi; għalhekk it-talbiet tas-sċojeta attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tilqa' l-ewwel talba billi tgħid illi s-sigaretti *de quibus* li nqabdu mill-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falzifikati;
2. tilqa' t-tieni talba billi tgħid illi s-sigaretti falzifikati jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi skond l-art. 2(l)(*a*)(i) u (iii) tal-Kap. 414 u għaldaqstant jiksru l-art. 4 ta' l-istess liġi dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 22539 u 28246, dwar il-markji *L&B* u *SUPERKINGS* u/jew dwar is-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess *trademarks*;

3. tilqa’ t-tielet talba billi tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen hieles ta’ din il-konsenja ta’ sigaretti falzifikati tikser id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 414;
4. tilqa’ r-raba’ talba billi tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà attriċi sabiex jeqirdu s-sigaretti fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lis-soċjetà konvenuta u minn flusha, skond l-art. 8 tal-Kap. 414;
5. tilqa’ s-sitt talba billi tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taż-żraben sportivi fuq imsemmija, l-ispejjeż ta’ l-uffiċjali tad-dwana skond il-Kap. 414, u l-ispejjeż tal-kawża;
6. ma tqisx il-ħames talba billi ma huwiex meħtieġ rimedju ieħor.

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------